MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2011

Appell Civili Numru. 12/2009/1

**Adrian Buckle, Christopher Gatt,
Maria Pia sive Pia Zammit, Mikhail Acopovich
Basmadjian
u s-socjeta` Unifaun Theatre Productions Limited**

**v.**

**Teresa Friggieri f'isimha proprio u fil-
Kwalita` taghha ta' Chairman tal-
Bord ta' Klassifika tal-Pellikola u tal-
Palk, il-Prim Ministru, il-Kummissarju
Tal-Pulizija u l-Avukat Generali tar-Repubblika**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Adrian Buckle et pprezentat fil-15 ta’ Marzu, 2011 li permezz tieghu r-rikorrenti, appellanti f’dawn il-proceduri, talbu li, a tenur tal-Artikolu 150(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghar-ragunijiet hemm moghtija, din l-Qorti joghgobha tilqa’ l-prezentata u tiehu konjizzjoni tad-dokumenti li gew annessi mal-istess rikors u mmarkati Dokumenti ‘IMM1’, ‘IMM2’, ‘OTH1’, ‘OTH2’, u ‘OTH3’ liema dokumenti jikkonsistu rispettivament f’kopja tat-test tad-dramm *Immaculate*; kopja tac-certifikat ta’ klassifika ghall-istess dramm; kopja tat-test tad-dramm *Osama the Hero*; kopja tac-certifikat ta’ klassifika ghall-istess dramm u informazzjoni mehuda mill-Internet dwar id-dati tal-*performance ta’ Osama the Hero.*

Illi din it-talba qed issir biex tintwera l-inkonsistenza fic-certifikati rilaxxjati mill-Bord ta’ Klassifika u d-diskriminazzjoni ezercitata fil-konfront tad-dramm *Stitching* meta, fil-kaz ta’ dan id-dramm, inhareg certifikat “Banned and Disallowed” filwaqt li z-zewg drammi msemmija, gew mghoddija ghall-wiri ghalkemm fihom l-istess elementi tad-dramm mertu ta’ din il-kawza.

Rat ir-risposta oppozitorja ta’ Teresa Friggieri fil-kwalita` taghha ta’ Chairman tal-Bord tal-Klassifika tal-Pellikola u tal-Palk u tal-Avukat Generali fejn gie sottomess:-

a) li din il-kawza hija ta’ indoli kostituzzjonali u certament mhux il-funzjoni ta’ din il-Qorti li timbarka fuq analizi letterarja komporattiva ta’ drammi.

b) Li huwa inaccettabbli li l-appellanti jressqu xhieda gdida fl-istadju ta’ dan l-appell u dan meta tali xhieda tikkonsisti f’testi ta’ drammi li ilhom in cirkolazzjoni sa mis-sena 2005.

c) Li l-ghan tal-produzzjoni ta’ dawn id-dokumenti huwa biex tintwera d-diskriminazzjoni ezercitata kontra r-rikorrenti meta fil-proceduri odjerni qatt ma kien hemm allegazzjoni tali.

d) It-talba ma tinkwadrax taht wahda mis-subincizi tal-Artikolu 150 tal-Kap. 12.

**Ikkunsidrat:**

L-Artikolu 145 tal-Kap. 12 jipprovdi dwar x'dokumenti ghandhom jingiebu u jghid li "Mar-rikors, mat-twegiba u mar-replika, ghandhom jingiebu d-dokumenti li jkunu jsahhu t-talbiet tal-wiehed jew l-eccezzjonijiet tal-iehor." Imbaghad l-Artikolu 150 tal-istess Kap. 12 jiddisponi li "(1) Meta dokument ma jigix migjub kif stabbilit fl-Artikolu 145, dan id-dokument jista' jingieb biss (skont ma qeghdin jghidu r-rikorrenti) meta, ghad li wiehed ikun ghamel hiltu, ma setghax ikollu d-dokument qabel il-prezentata tal-att li mieghu kien imissu jingieb, u l-prezentata ta' dak l-att ma setghetx, bla hsara, tithalla ghal wara;"

Din il-Qorti ma taqrax l-applikabbilita` tas-subartikolu fuq citat billi huwa ovvju li d-dokumenti li qed tintalab l-ezibizzjoni taghhom in kwantu ghandhom relevanza ghall-kaz odjern deheru fuq ix-xena artistika lokali zmien wara li gie intavolat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti Adrian Buckle et mentri s-subartikolu citat jippressuponi li d-dokument li l-ezibizzjoni tieghu qed tintalab ikun gia` jezisti fid-data tal-prezentata tal-att u ma setghax jinstab mir-rikorrent ghalkemm dan ikun ghamel hiltu kollha.

Fuq din il-premessa biss it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda izda din il-Qorti taqbel ma' dak li gie sottomess mill-kontro-parti fis-sens li f'dawn il-proceduri mhux kompitu ta' din il-Qorti li toqghod taghmel analizi komparattiv mad-dramm *Stitching* ta' diversi produzzjonijiet teatrali li thallew jittellghu Malta. Infatti r-rikors promotur ma jaghmel ebda allegazzjoni ta' diskriminazzjoni bhala bazi tal-proceduri kostituzzjonali izda jghid biss li d-decizjoni tal-Bord meta kklassifika l-imsemmi dramm bhala 'banned & disallowed' "*tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghhom* <u>*ghal-liberta` tal-espressjoni*</u> *kif sancit permezz tal-Art. 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem* u li t-tehid ta' dik d-decizjoni "<u>*jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali*</u>

*tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq bi ksur tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

Illi ma jkunx ekwu li f'dan l-istadju tal-proceduri u meta l-vertenza bejn il-partijiet giet ezaminata mill-ewwel Qorti fil-kuntest tal-gravami kif sollevati fir-rikors promotur, li issa tinbidel x-xena totalment u tigi permessa l-introduzzjoni ta' raguni ohra kompletament differenti. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-ilment tar-rikorrenti ghandu jsib gustifikazzjoni fih innifsu u mhux billi jsir paragun ta' x'gara f'kazi ohrajn.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija t-talba tar-rikorrenti appellanti qed tigi michuda bl-ispejjez ta' dan l-incident ghall-istess rikorrenti u konsegwentement tordna l-isfilz tal-istess dokumenti.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------